



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 31.3.2010  
KUMM(2010) 119 finali

2010/0074 (COD)

C7-0089/10

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini**

{SEG(2010) 370}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jintroduċi dimensjoni għdida sħiħa tad-demokrazija parteċipatorja flimkien mad-demokrazija rappreżentattiva li fuqha hija stabbilita l-Unjoni. Huwa jirrinforza ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jirrikonoxxi d-dritt ta' kull ċittadin biex jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Huwa jonqox l-istandards ewlenin tad-djalogu ċivili li jridu jsegwu l-istituzzjonijiet u jikkodifika l-prattika eżistenti tal-Kummissjoni li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi wiesgħa. U, fuq kollox, huwa jintroduċi innovazzjoni importanti fil-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi d-dritt ta' inizjattiva taċ-ċittadini li biha miljun ċittadin jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni biex tressaq ċerti proposti leġiżlattivi.

Dan il-provvediment għdid huwa pass sinifikanti 'l quddiem fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Huwa jipprovdi opportunità unika biex iċ-ċittadini jitqarrbu lejn l-Unjoni u biex jitrawwem aktar dibattitu transkonfinali dwar kwistjonijiet ta' politika tal-UE, billi jinkoraġġixxi ċ-ċittadini minn għadd ta' pajjiżi biex flimkien jappoġġjaw kwistjoni waħda speċifika.

Madankollu huwa importanti li wieħed jissottolinea li l-inizjattiva taċ-ċittadini hija inizjattiva li tistabbilixxi l-aġenda. Filwaqt li ma taffettwax id-dritt tal-inizjattiva tal-Kummissjoni, madankollu se tobbliga lill-Kummissjoni, bħala kulleġġ, li tikkunsidra serjament it-talbiet li jsiru mill-inizjattivi taċ-ċittadini.

Il-karatteristiċi ewlenin tal-inizjattiva taċ-ċittadini huma minquxa fit-Trattat. B'mod partikolari t-Trattat jobbliga li l-firmatarji tal-inizjattiva taċ-ċittadini jkunu mill-anqas miljun u li għandhom ikunu geġjin minn numru sinifikanti ta' Stati Membri. L-inizjattiva trid tkun ukoll fi ħdan il-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni u trid tkun tikkonċerna oqsma li fihom iċ-ċittadini jqisu li att legali tal-Unjoni huwa meħtieġ sabiex jiġu implimentati t-Trattati.

Madankollu, it-Trattat iħalli f'idejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, biex jistabbilixxu permezz ta' Regolament il-proċeduri u l-kundizzjonijiet dwar kif se taħdem fil-prattika l-inizjattiva taċ-ċittadini.

Sabiex wieħed jieħu l-opportunità provduta minn dan il-provvediment il-għdid u jagħtih il-potenzjal kollu, il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-inizjattiva taċ-ċittadini jridu jiffaċilitaw l-użu tiegħu filwaqt li jiżguraw li l-ispirtu tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat jiġu rispettati.

Il-prinċipji li jservu ta' gwida għal din il-proposta huma għalhekk dawk segwenti:

- Il-kundizzjonijiet għandhom jiżguraw li l-inizjattivi taċ-ċittadini jkunu rappreżentattivi ta' interess tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw li l-istrument jibqa' faċli biex jintuża.
- Il-proċeduri għandhom ikunu sempliċi u faċli biex jintużaw, filwaqt li jipprevjenu l-iffrodar u l-abbuż tas-sistema u m'għandhomx jimponu piżijiet amministrattivi żejda fuq l-Istati Membri.

## **2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI**

Minħabba l-importanza ta' dan il-provvediment ġdid fit-Trattat għaċ-ċittadini, għas-soċjetà ċivili u għall-partijiet interessati madwar l-UE u meta wieħed iqis il-kumplessità ta' wħud mill-kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika wiesgħa bl-addozzjoni ta' Green Paper fil-11 ta' Novembru 2009<sup>1</sup>. Il-konsultazzjoni ġabret aktar minn 300 tweġiba mingħand firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, inkluż ċittadini individwali, organizzazzjonijiet u awtoritajiet pubbliċi. Saret ukoll seduta pubblika għal dawk kollha li wiegħbu għall-Green Paper fit-22 ta' Frar 2010 fi Brussell.

### **2.1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

It-tweġibiet għall-Green Paper issottolineaw il-bżonn li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għal inizjattiva taċ-ċittadini jkunu sempliċi, faċli biex jintużaw, u aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE u li għandhom ikunu proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini.

It-tweġibiet ikkonfermaw ukoll li huma meħtieġa numru ta' kundizzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-istrument jibqa' kredibbli u li ma jkunx abbużat u li dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiżguraw kundizzjonijiet uniformi għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini madwar l-UE.

### **2.2. Żgurar li l-inizjattiva taċ-ċittadini tkun rappreżentattiva ta' interess tal-Unjoni**

Rigward in-numru minimu ta' Stati Membri li minnhom iridu jkunu ġejjin iċ-ċittadini li jappoġġjaw l-inizjattiva taċ-ċittadini, ħafna minn dawk li wiegħbu qablu li limitu ta' terz tal-Istati Membri, ikun adatt. Kien hemm ukoll appoġġ konsiderevoli, l-aktar fost l-organizzazzjonijiet, għal limitu aktar baxx, primarjament ta' kwart tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, it-tweġibiet ikkonfermaw il-bżonn li l-firmatarji għall-inizjattiva taċ-ċittadini jkunu jinkludu għall-anqas numru ta' ċittadini li ġejjin minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri. Ħafna minn dawk li wiegħbu qablu li 0.2% tal-popolazzjoni jkun limitu adatt. Oħrajn kienu tal-fehma li l-limitu għandu jkun aktar baxx u argumentaw li l-iskop għandu jkun li ma jitħallix iseħħ l-abbuż imma li dan m'għandux jiġi meqjus bħala barriera kontra l-preżentazzjoni ta' inizjattiva. Finalment, numru fost dawk li wiegħbu argumentaw favur strateġija kompletament differenti flok il-limiti minħabba li perċentwali fiss għall-Istati Membri kollha mhux adatt, għaliex pereżempju huwa ferm aktar faċli li jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ minn 1,000 ċittadin tal-Lussemburgu (li jirrappreżentaw 0.2% tal-popolazzjoni) milli 160 000 mill-Ġermanja, u għalhekk huwa aktar faċli li jinstemgħu Stat Membri żgħar milli kbar.

### **2.3. Kundizzjonijiet għall-ġbir u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ**

Dawk li wiegħbu appoġġjaw l-idea ta' sett komuni ta' kundizzjonijiet proċedurali għall-ġbir u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ sabiex ikun żgurat proċess uniformi madwar l-UE u sabiex l-organizzaturi jevitaw li jkollhom jikkonformaw ma' regoli differenti f'kull Stat Membru.

Barra minn hekk, il-parti l-kbira ta' dawk li wiegħbu ma jridux restrizzjonijiet speċifiċi fuq kif jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u jixtiequ li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu

---

<sup>1</sup> Green Paper dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej - COM(2009) 622

jiffirmaw għal inizjattiva f'kwalunkwe post - pereżempju fit-triq - indipendentement minn fejn jgħixu jew minn fejn huma.

Dawk li wiegħbu, kważi unanimament talbu biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jappoġġjaw l-inizjattivi permezz tal-internet.

Il-konsultazzjoni kkonfermat ukoll li huwa adatt li jiġi stabbilit limitu taż-żmien għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva. Il-parti l-kbira ta' dawk li wiegħbu qablu li sena tkun żmien adatt għalkemm xi oħrajn preferew perjodu itwal (18-il xahar) jew wieħed iqsar (6 xhur).

Barra minn hekk, dawk li wiegħbu b'mod ġenerali preferew sistema obbligatorja ta' reġistrazzjoni ta' inizjattivi proposti fuq websajt speċifika provduta mill-Kummissjoni Ewropea qabel it-tnedija tal-proċess ta' ġbir. Huma jemmnu li tali reġistrazzjoni tippermetti l-insegwiment ta' inizjattivi li jkunu għaddejnin u tipprovdi għodda għall-komunikazzjoni u t-trasparenza.

Fl-aħħar nett, dawk li wiegħbu, b'mod ġenerali appoġġjaw età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini u ħafna kienu tal-fehma li din għandha tkun marbuta mal-età li fiha ċ-ċittadini huma intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Uħud minn dawk li wiegħbu, madankollu, argumentaw favur li l-età minima tkun 16-il sena, u enfasizzaw li l-inizjattiva taċ-ċittadini mhix elezzjoni imma biss inizjattiva li tistabbilixxi l-aġenda u li jekk ikun hemm età minima ta' 16 madwar l-UE kollha, din iġġib aktar interess u dibattitu fost iż-żgħażaġh fuq kwistjonijiet Ewropej.

#### **2.4. Eżaminar tal-inizjattivi mill-Kummissjoni**

Dawk li wiegħbu b'mod ġenerali jaqblu li limitu ta' żmien ta' 6 xhur ikun xieraq għall-Kummissjoni biex teżamina u tasal għal konklużjoni dwar inizjattiva.

Madankollu, il-konsultazzjoni tat lok għal opinjonijiet differenti dwar il-kwistjoni tal-ammissibbiltà tal-inizjattivi proposti.

Bosta minn dawk li wiegħbu jqisu l-ammissibbiltà tal-inizjattiva taċ-ċittadini għandha tiġi verifikata qabel ma jinġabru d-dikjarazzjonijiet kollha ta' appoġġ sabiex jiġu evitati l-ħela tar-riżorsi kif ukoll il-frustrazzjoni taċ-ċittadini li jkunu ffirmaw għal inizjattiva ta' suċċess imma li fl-aħħar mill-aħħar ma tkunx ammissibbli. Xi awtoritajiet pubbliċi esprimew ukoll il-preokkupazzjoni tagħhom dwar l-użu ta' riżorsi pubbliċi sabiex isiru l-verifiki għall-inizjattivi li fl-aħħar mill-aħħar ma jkunx ammissibbli.

B'kuntrast ma' dawn, persuni oħra li wiegħbu huma kontra verifiki tal-ammissibbiltà ex-ante minħabba li d-dibattitu li jinħoloq madwar l-Ewropa permezz ta' inizjattiva huwa aktar importanti mir-riżultat aħħari. Huma jemmnu li ma jkunx xieraq għall-Kummissjoni li tkun tista' tipprevjeni, mill-bidu, milli jkun hemm dibattitu pubbliku u kampanja pubblika li ġejjin minn inizjattiva taċ-ċittadini anke jekk ma jaqgħux fil-qafas tas-setgħat tagħha.

### **3. L-ELEMENTI PRINĊIPALI TAL-PROPOSTA**

#### **3.1. Għadd minimu ta' Stati Membri (l-Artikolu 7)**

Il-proposta tistabbilixxi n-numru minimu ta' Stati Membri, għal terz. Dan ġej minn dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat, skont liema disa' jew terz tal-Istati Membri huma biżżejjed biex jiżguraw ir-rappreżentazzjoni tal-interess tal-Unjoni. Huwa l-limitu użat fid-dispożizzjonijiet dwar “kooperazzjoni msaħħa” li jistipulaw li “mill-anqas disa' Stati Membri” għandhom jieħdu sehem<sup>2</sup>. Terz jintuża wkoll bħala l-limitu meħtieġ biex tiskatta l-proċedura tas-sussidjarjetà stipulata fl-Artikolu 7(2) tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, anness mat-Trattati.

Dan il-limitu jirrifletti wkoll ir-riżultat tal-konsultazzjoni pubblika.

#### **3.2. Numru minimu ta' ċittadini għal kull Stat Membru (l-Artikolu 7 u l-Anness I)**

Jekk wieħed jibbaża fuq l-argument li sar matul il-konsultazzjoni li perċentwali fiss għall-Istati Membri ma jkunx ġust, il-proposta tippovdi limitu fiss għal kull Stat Membru, proporzjonat b'mod digressiv mal-popolazzjoni ta' kull stat b'limitu minimu u massimu.

Sabiex wieħed jiżgura li dawn il-limiti huma bbażati fuq kriterji oġġettivi, il-Kummissjoni bbażathom fuq multiplu tan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew għal kull Stat Membru<sup>3</sup>. Il-multiplu magħżul huwa 750 fuq naħa sabiex jirrifletti t-talbiet ta' ħafna partijiet interessati li l-limitu minimu jkun anqas minn 0.2% tal-popolazzjoni u, fuq in-naħa l-oħra, sabiex jikkunsidra t-tħassib li l-limitu fl-Istati l-Membri ż-żgħar ma jkunx baxx wisq, fuq in-naħa l-oħra. Fil-fatt, billi jiġi użat fattur ta' multiplikazzjoni ta' 750, il-limitu ta' aktar minn nofs tal-Istati Membri jkun anqas, jew anqas b'mod sinifikanti minn 0.2% tal-popolazzjoni, filwaqt li għall-Istati Membri ż-żgħar il-limitu jkun ogħla.

Din is-sistema għalhekk se tippermetti proporzjonalment numru aktar baxx ta' firmatarji għall-pajjiżi l-kbar u numru proporzjonalment akbar għall-pajjiżi ż-żgħar.

#### **3.3. Età minima (l-Artikolu 3(2))**

Fid-dawl tat-tweġibiet tal-konsultazzjoni, il-proposta tistabbilixxi l-età minima bħala l-età li fiha ċ-ċittadini huma intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

#### **3.4. Reġistrazzjoni tal-inizjattivi proposti (l-Artikolu 4)**

Il-proposta tippovdi għal sistema mandatorja ta' reġistrazzjoni tal-inizjattivi proposti fuq reġistru onlajn li se tippovdi l-Kummissjoni. Dan jirrifletti l-appoġġ wiesa' li kisbet din l-għażla waqt il-konsultazzjoni. Ir-reġistrazzjoni ma timplikax approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

---

<sup>2</sup> Article 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

<sup>3</sup> Bażat fuq il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew maqbul fil-kuntest tal-Konferenza Intergovernattiva tal-2007

### **3.5. Proċeduri u kundizzjonijiet għall-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ (l-Artikolu 5 u 6)**

Il-proposta ma tirrestrinġix il-mod li bih għandhom jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Dan huwa f'konformità mal-opinjoni li esprimew il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati li l-proċess ta' ġbir għandu jkun liberu.

Barra minn hekk fid-dawl tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni, il-proposta tipprovdi wkoll sabiex id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ikunu jistgħu jinġabru onlajn. Madankollu, sabiex ikun żgurat li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jinġabru onlajn ikunu ġenwini daqs dawk miġbura permezz tal-karti u sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jivverifikawhom bl-istess mod, il-proposta tobligha li s-sistemi ta' ġbir onlajn ikollhom fis-seħħ karatteristiċi ta' sigurtà adegwati u li l-Istati Membri għandhom jiċċertifikaw il-konformità ta' tali sistemi ma' dawk il-kundizzjonijiet tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-organizzaturi għall-ħarsien tad-dejta personali. Minħabba l-bżonn li jitfasslu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati sabiex tiġi implimentata din id-dispożizzjoni, qed ikun propost li l-Kummissjoni għandha tistabilixxi dawk l-ispeċifikazzjonijiet permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni. Minkejja dan, il-ġbir onlajn għandu jiġi permess mill-bidu.

### **3.6. Limitu taż-żmien għall-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ (l-Artikolu 5 (4))**

Il-proposta tipprovdi għal limitu ta' żmien ta' 12-il xahar għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Dan jirrifletti l-bżonn, konfermat mit-tweġibiet għall-Green Paper biex jiġi żgurat li fuq naħa, l-inizjattiva taċ-ċittadini tibqa' relevanti u min-naħa l-oħra li l-perjodu ta' ġbir ikun biżżejjed biex jieħu kont tal-kumplessità tal-ħidma madwar l-Unjoni Ewropea.

### **3.7. Deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-inizjattivi taċ-ċittadini proposti (l-Artikolu 8)**

Il-proposta tipprevedi li l-organizzatur ta' inizjattiva jrid jissottometti talba lill-Kummissjoni għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-inizjattiva wara li jkun għabar 300 000 dikjarazzjoni ta' appoġġ mill-firmatarji li jkunu ġejjin għall-anqas minn tliet Stati Membri.

Il-limiti magħżula għal dan il-kontroll ta' ammissibbiltà bejn wiehded u ieħor jikkorrispondu ma' terz tal-limiti finali li hemm bżonn biex tiġi preżentata inizjattiva lill-Kummissjoni. Tal-anqas, għal dan il-għan huma meħtieġa miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ li tal-anqas ikunu ġejjin minn terz tal-Istati Membri. Għalhekk jista' jitqies li terz ta' dan il-limitu jipprovdi kampjun biżżejjed rappreżentattiv sabiex ikun jista' jsir il-kontroll ta' ammissibbiltà.

Il-Kummissjoni jkollha xahrejn biex tevalwa u tieħu deċiżjoni dwar jekk l-inizjattiva taqax taħt il-qafas tas-setgħat tagħha u jekk tikkonċernax materja li għaliha jista' jiġi adottat att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

Din l-istrateġija tirrifletti l-bżonn imsemmi matul il-konsultazzjoni li l-ammissibbiltà legali ta' inizjattiva tiġi kontrollata fi stadju aktar bikri, qabel ma jiġu miġbura d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha u qabel ma l-Istati Membri jkunu obbligati li jivverifikawhom. Madankollu ma tipprovvdix li tali ammissibbiltà tiġi kontrollata mill-bidu qabel ma l-inizjattiva tiġi reġistrata, minħabba li għan ewlieni huwa l-promozzjoni tad-dibattitu pubbliku ta' kwistjonijiet Ewropej, anke jekk inizjattiva finalment ma taqax fi ħdan il-qafas ta' setgħat legali tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-istrateġija magħżula tevita li tagħti l-impressjoni li l-Kummissjoni tat opinjoni favorevoli dwar inizjattiva per se qabel ma jibdeu jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Barra minn hekk, din l-istrateġija tevita piż amministrattiv fuq l-Istati Membri sabiex

jitwettqu verifiki fuq dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva li fl-aħħar mill-aħħar ma tkunx ammissibbli.

### **3.8. Kundizzjonijiet għall-verifika u l-awtentikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ (l-Artikolu 9)**

Bil-għan li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, il-proposta tħalli f'idhom biex jiddeċiedu dwar il-verifiki li jridu jitwettqu sabiex tiġi verifikata l-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva li tkun ġiet dikjarata ammissibbli. Minkejja dan, tali verifiki għandhom ikunu adatti biex jippermettulhom jiċċertifikaw in-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jaslu għall-Istat Membru konċernat u għandhom dejjem jitwettqu f'perjodu ta' tliet xhur. Tali strateġija, pereżempju, tippermetti lill-Istati Membri li jwettqu verifiki fuq bażi ta' kampjun aleatorju, li hija sistema ta' verifika li jużaw il-parti l-kbira tal-Istati għall-inizjattivi taċ-ċittadini.

### **3.9. Eżaminazzjoni mill-Kummissjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini (l-Artikolu 11)**

Il-proposta tipprovdi li l-Kummissjoni jkollha limitu ta' żmien ta' 4 xhur biex teżamina inizjattiva taċ-ċittadini li tkun ġiet sottomessa formalment lill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament. Dan jirrifletti l-appoġġ ġenerali li kisbet din l-istrateġija waqt il-konsultazzjoni. Il-Kummissjoni mbagħad tkun obligata li tistabilixxi l-konklużjonijiet tagħha dwar l-inizjattiva u l-azzjoni li beħsiebha tiegħu f'komunikazzjoni, li tiġi notifikata lill-organizzatur kif ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u ssir pubblika.

### **3.10. Ħarsien tad-dejta personali (l-Artikolu 12)**

Il-proposta tfittex li tiżgura li l-ħarsien tad-dejta jkun żgurat b'mod sħiħ, fl-organizzazzjoni u l-insewiment tal-inizjattiva taċ-ċittadini, mill-atturi kollha rilevanti - l-organizzatur, l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-kundizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u dwar il-moviment liberu tat-tali dejta<sup>4</sup> u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu tat-tali dejta<sup>5</sup> għandhom japplikaw għall-ipproċessar tad-dejta personali li ssir fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, tqies neċessarju, sabiex jiġi evitat kull dubju, li l-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini jinħatar bħala kontrollur tad-dejta fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE u biex jiġi speċifikat il-perjodu massimu li fih tista' tinżamm id-dejta personali miġbura għall-finijiet tal-inizjattiva taċ-ċittadini. Barra minn hekk, minkejja li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 95/46/KE dwar rimedji ġudizzjarji, r-responsabbiltà legali u s-sanzjonijiet huma applikabbli b'mod sħiħ rigward l-ipproċessar tad-dejta li jsir fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kien meqjus meħtieġ ukoll li jiġi provdut li l-Istati Membri jiżguraw li l-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini jkunu affidabli skont il-liġi ċivili jew kriminali tagħhom għal ksur tar-Regolament.

---

<sup>4</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

<sup>5</sup> ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

### **3.11. Reviżjoni tal-annessi u klawnsola ta' reviżjoni (l-Artikolu 16 u 21)**

Minħabba n-nuqqas ta' esperjenza fil-livell ta' UE għal din il-forma ta' strument demokratiku parteċipatorju, il-proposta tippovdi għal klawnsola ta' reviżjoni, li tobbliga lill-Kummissjoni sabiex tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament wara ħames snin.

Barra minn hekk, meta wieħed iżomm f'moħħu li ċerti aġġustamenti tekniċi jista' jkollhom bżonn isiru għall-Annessi tar-Regolament, b'mod partikolari fid-dawl tal-esperjenza, il-proposta tippovdi għall-possibbiltà għall-Kummissjoni li temenda l-Annessi permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt il-Kummissjoni tqis li tali aġġustamenti ma jkunux jeħtieġu proposta leġislattiva sħiħa u li l-użu tas-setgħat delegati huwa għalhekk ġustifikat.



Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

### **dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>6</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>7</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta<sup>8</sup>,

Waqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropew jirrinforza ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jsaħħaħ aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi inter alia li kull ċittadin għandu jkollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u li mhux anqas minn miljun ċittadin li huma ċittadini ta' numru sinifikanti ta' Stati Membri jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea, fi ħdan il-qafas tas-setgħat tagħha, biex tissottometti kull proposta adatta dwar materji fejn iċ-ċittadini jqisu li att legali tal-Unjoni huwa meħtieġ għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (2) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew jipprovdi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet għall-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal tali inizjattiva taċ-ċittadini.
- (3) Dawn il-proċeduri u kundizzjonijiet għandhom ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini.
- (4) Għandhom jiżguraw ukoll li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet simili biex jappoġġjaw inizjattiva taċ-ċittadini indipendentement f'liema Stat Membru jirrisjedu.

---

<sup>6</sup> ĠU C , , p . .

<sup>7</sup> ĠU C , , p . .

<sup>8</sup> ĠU C , , p . .

- (5) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' Stati Membri li minnu jridu jkunu ġejjin iċ-ċittadini. Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva taċ-ċittadini hija rappreżentattiva tal-interess tal-Unjoni, dan in-numru għandu jkun stabbilit għal terz tal-Istati Membri.
- (6) Għal dan l-iskop, huwa adatt ukoll li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' ċittadini li ġejjin minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet simili għaċ-ċittadini biex jappoġġjaw inizjattiva taċ-ċittadini, dawn in-numri minimi għandhom ikunu proporzjonali b'mod digressiv mad-daqs ta' kull Stat Membru. Għall-finijiet taċ-ċarezza għandhom ikunu stabbiliti għal kull Stat Membru f'Anness għar-Regolament preżenti.
- (7) Huwa xieraq li wieħed jiffissa età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini. Din għandha tiġi stabbilita bħala l-età li fiha ċ-ċittadini huma intitolati biex jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.
- (8) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u t-trasparenza f'relazzjoni mal-inizjattivi taċ-ċittadini proposti, għandu jkun obligatorju li tali inizjattivi jiġu reġistrati fuq websajt ipprovduta mill-Kummissjoni qabel il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa miċ-ċittadini; proposti li jkunu abbużivi jew neqsin mis-serjeta' m'għandhomx jiġu reġistrati u l-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' proposti li b'mod ċar huma kontra l-valuri tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tittratta r-reġistrazzjoni skont il-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.
- (9) L-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta għandu jkun responsabbli għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa miċ-ċittadini.
- (10) Huwa xieraq li jsir provvediment li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru permezz tal-karti kif ukoll onlajn. Is-sistemi ta' ġbir onlajn għandu jkollhom karatteristiċi ta' sigurtà adegwati biex jiżguraw, *inter alia*, li l-persuna tkun tista' tiġi identifikata u li d-dejta tinħażen b'mod sigur. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tkun obligata li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għas-sistemi ta' ġbir onlajn.
- (11) Huwa xieraq li l-Istati Membri jivverifikaw il-konformità tas-sistemi ta' ġbir onlajn mal-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- (12) Huwa xieraq li jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ tal-inizjattiva taċ-ċittadini jinġabru f'perjodu ta' żmien speċifiku. Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tibqa' relevanti, u filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità sabiex jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ madwar l-Unjoni Ewropea, dak il-perjodu ta' żmien m'għandux ikun itwal minn 12-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva proposta.
- (13) Huwa xieraq li l-Kummissjoni tiegħu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' l-inizjattivi proposti fi stadju biżżejjed bikri. L-organizzatur għandu għalhekk jagħmel talba għal deċiżjoni wara li jkun gábar 300.000 dikjarazzjoni ta' appoġġ għall-inizjattiva proposta minn firmatarji ġejjin għall-anqas minn tliet Stati Membri.
- (14) Fi żmien perjodu ta' xahrejn wara li tirċievi t-talba mill-organizzatur, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tagħha. Inizjattiva taċ-ċittadini proposta għandha titqies ammissibbli jekk taqa' taħt il-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni u tikkonċerna materja fejn att legali tal-Unjoni jista' jiġi adottat għall-iskop tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

- (15) Huwa xieraq li jiġi provdut li, fejn inizjattiva taċ-ċittadini tkun irċeviet id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji u sakemm tkun meqjusa ammissibbli, kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini ġejjin minn dak l-Istat. Filwaqt li jittieħed kont tal-bżonn li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, huma għandhom, f'perjodu ta' tliet xhur, iwettqu tali verifiki fuq il-bażi ta' kontrolli adatti u għandhom joħorġu dokument li jiċċertifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jinkisbu.
- (16) L-organizzaturi għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu sodisfatti qabel jissottomettu l-inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.
- (17) Il-Kummissjoni għandha teżamina inizjattiva taċ-ċittadini u tistabilixxi l-konklużjonijiet tagħha, u l-azzjoni li biħsiebha tiegħu b'rispons għaliha, f'perjodu ta' erba' xhur.
- (18) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta<sup>9</sup> tapplika b'mod sħiħ għall-ipproċessar ta' dejta personali li jsir fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. F'dan ir-rigward, huwa adatt li jiġi ċċarat li l-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma l-kontrolluri tad-dejta fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE u li jiġi speċifikat il-perjodu massimu li għalih tista' tinħażen id-dejta personali miġbura għall-finijiet tal-inizjattiva taċ-ċittadini. Fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri tad-dejta, l-organizzaturi jridu jieħdu l-miżuri kollha adatti biex jikkonformaw mal-obbligi imposti mid-Direttiva 95/46/KE, b'mod partikolari dawk relatati mal-legalità tal-ipproċessar, is-sigurtà tal-attivitajiet tal-ipproċessar u l-provvediment tal-informazzjoni u d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta biex jaċċessaw id-dejta personali tagħhom kif ukoll il-korrezzjoni u t-tħassir tad-dejta personali tagħhom.
- (19) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 95/46/KE dwar rimedji ġudizzjarji, responsabbiltà u sanzjonijiet huma applikabbli b'mod sħiħ rigward l-ipproċessar tad-dejta li jsir fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzaturi tal-inizjattivi taċ-ċittadini huma responsabbli taħt il-liġi ċivili jew kriminali tagħhom għall-ksur ta' dan ir-Regolament u materji relatati.
- (20) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta<sup>10</sup>, huwa applikabbli b'mod sħiħ għall-ipproċessar tad-dejta personali mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (21) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti legali skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-fini tal-emendar tal-Annessi għal dan ir-Regolament.

---

<sup>9</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

<sup>10</sup> ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

- (22) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>11</sup>.
- (23) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.
- (24) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji minnha fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu, li jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għall-ħarsien tad-dejta personali fir-rigward tiegħu jew tagħha,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*  
**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini kif provdut fl-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*  
**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "Inizjattiva taċ-ċittadini" tfisser inizjattiva, sottomessa lill-Kummissjoni skont ir-Regolament preżenti, li tistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tas-setgħat tagħha, biex tissottometti kull proposta legali adatta dwar materji fejn iċ-ċittadini jqisu li att legali tal-Unjoni hu meħtieġ għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, li rċeviet appoġġ ta' għall-anqas miljun firmatarju eliġibbli li ġejjin minn terz tal-Istati Membri kollha;
2. "Firmatarji" tfisser ċittadini tal-Unjoni li appoġġjaw inizjattiva taċ-ċittadini partikolari billi mlew dikjarazzjoni ta' appoġġ għal dik l-inizjattiva;
3. "Organizzatur" tfisser persuna naturali jew legali jew organizzazzjoni responsabbli għat-tnejja u sottomissjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.

*Artikolu 3*  
**Kundizzjonijiet għall-organizzatur u għall-firmatarji**

1. Meta l-organizzatur huwa persuna fiżika, dik il-persuna għandha tkun ċittadin tal-Unjoni u tkun tal-età intitolata biex tivvota fl-elezzjonijiet Ewropej.

Meta l-organizzatur huwa persuna legali jew oragnizzazzjoni din għandha tkun stabbilita fi Stat Membru. L-organizzazzjonijiet li m'għandhomx personalità legali

---

<sup>11</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

taħt il-liġi nazzjonali applikabbli għandu jkollhom rappreżentanti li għandhom il-kapaċità li jieħdu obbligi legali f'isimhom u li jassumu r-responsabbiltà.

2. Sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw inizzjattiva taċ-ċittadini proposta, il-firmatarji għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni u tal-età intitolati biex jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej.

#### *Artikolu 4*

### **Reġistrazzjoni tal-inizzjattiva taċ-ċittadini proposta**

1. Qabel jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji għal inizzjattiva taċ-ċittadini proposta, l-organizzatur għandu jkun obligat li jirreġistraha mal-Kummissjoni, u jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II, b'mod partikolari dwar is-suġġett u l-għanijiet kif ukoll is-sors ta' ffinanzjar u appoġġ għall-inizzjattiva taċ-ċittadini proposta.

Din l-informazzjoni għandha tkun provduta b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, f'reġistru onlajn li jiġi provdut għal dan l-iskop mill-Kummissjoni (minn issa 'l quddiem "ir-reġistru").

2. Ħlief f'dawk il-każijiet previsiti fil-paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni għandha tirreġistra mingħajr dewmien l-inizzjattiva proposta taħt reġistru uniku u tibgħat konferma lill-organizzatur.
3. L-inizzjattivi taċ-ċittadini proposta li raġonevolment jistgħu jitqiesu mhux adatti minħabba li huma abbużivi jew mhux serji ma jiġux reġistrati.
4. Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' inizzjattivi taċ-ċittadini proposti li huma manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni.
5. Inizzjattiva taċ-ċittadini proposta li ġiet reġistrata għandha ssir pubblika fir-reġistru.

#### *Artikolu 5*

### **Proċeduri u kundizzjonijiet għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ**

1. L-organizzatur għandu jkun responsabbli għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji għal inizzjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata skont l-Artikolu 4.

Għal dan l-iskop jistgħu jintużaw biss dikjarazzjonijiet permezz ta' formuli tal-appoġġ li jikkonformaw mal-mudell stabbilit fl-anness III. L-organizzatur għandu jimla l-formoli kif indikat fl-anness III qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji. L-informazzjoni mogħtija fil-formoli għandha tikkorrispondi mal-informazzjoni li hemm fir-reġistru.

2. L-organizzatur jista' jiġbor dikjarazzjonijiet ta' appoġġ permezz tal-karti jew elettronikament. Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru elettronikament, għandu japplika l-Artikolu 6.

3. Il-firmatarji huma obbligati li jimlew il-formoli tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ provduti lilhom mill-organizzatur.  
Il-firmatarji jistgħu jappoġġaw inizzjattiva taċ-ċittadini proposta partikolari, darba waħda biss.
4. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha għandhom jinġabru wara d-data tar-reġistrazzjoni tal-inizzjattiva proposta u f'perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar.

*Artikolu 6*  
**Sistemi ta' ġbir onlajn**

1. Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru elettronikament, id-dejta li tinkiseb onlajn permezz tas-sistema ta' ġbir onlajn għandha tinħażen fit-territorju ta' Stat Membru. Il-mudell għall-formoli tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jista' jiġi adattat għall-fini tal-ġbir onlajn.
2. Qabel ma jingħata bidu għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji, l-organizzatur għandu jiżgura li s-sistema ta' ġbir onlajn użata għal dan l-iskop tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4. L-organizzatur jista', f'kwalunkwe ħin, jistaqsi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membri li fih tinħażen jew tkun se tinħażen id-dejta miġbura, biex jiċċertifika li s-sistema ta' ġbir onlajn tikkonforma ma' dawk id-dispożizzjonijiet. F'kwalunkwe każ, l-organizzatur għandu jitlob ċertifikazzjoni qabel ma jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-verifika skont l-Artikolu 9.
3. Fejn is-sistema ta' ġbir onlajn tikkonforma mad-dispożizzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha toħroġ ċertifikat fi żmien xahar skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV. Sakemm jasal iż-żmien li jiġu adottati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-paragrafu 5, l-awtorità kompetenti għandha tapplika l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali adatti għall-evalwazzjoni tal-konformità tas-sistemi ta' ġbir onlajn mal-paragrafu 4.  
  
L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.
4. Is-sistemi ta' ġbir onlajn għandu jkollhom fis-seħħ karatteristiċi tas-sigurtà u tekniċi adegwati biex jiżguraw li:
  - a. ikunu biss persuni naturali li jissottomettu formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ onlajn;
  - b. l-identità tal-persuna tkun tista' tiġi verifikata;
  - c. id-dejta provduta onlajn tinħażen b'mod sigur, biex jiġi żgurat, inter alia, li ma tkunx tista' tiġi modifikata jew użata għal xi skop ieħor ħlief bħala appoġġ għal inizzjattiva taċ-ċittadini partikolari, u biex ikun hemm protezzjoni kontra tħassir aċċidentali jew kontra l-liġi jew li tintilef b'mod aċċidentali, tinbidel jew li jkun hemm żvelar jew aċċess mhux awtorizzat.

- d. is-sistema tista' tiġġenera dikjarazzjonijiet ta' appoġġ individwali f'formola li tikkonforma mal-mudell stabbilit fl-Anness III, sabiex tippermetti l-kuntroll mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 9(2).
5. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 4, skont il-proċedura regolatorja stabbilita fl-Artikolu 19(2).

#### *Artikolu 7*

#### **Numru minimu ta' firmatarji għal kull Stat Membru**

1. Il-firmatarji tal-inizjattiva taċ-ċittadini għandhom ikunu ġejjin mill-anqas minn terz tal-Istati Membri.
2. F'terz tal-Istati Membri, il-firmatarji għandhom jikkonsistu f'għall-anqas in-numru minimu ta' ċittadini stabbilit fl-Anness I.
3. Il-firmatarji għandhom jitqiesu bħala li ġejjin mill-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni indikat fid-dikjarazzjoni ta' appoġġ tagħhom.

#### *Artikolu 8*

#### **Deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta**

1. Wara li jkun ġabar 300.000 dikjarazzjoni ta' appoġġ skont l-Artikoli 5 mill-firmatarji li jkunu ġejjin għall-anqas minn tliet Stati Membri, l-organizzatur għandu jissottometti lill-Kummissjoni talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta. Għal dan il-għan, l-organizzatur għandu juża l-formola stabbilita fl-Anness V.
2. Il-Kummissjoni, fi żmien xahrejn minn mindu tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, għandha tiegħu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tagħha. L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta għandha titqies ammissibbli jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - a. tikkonċerna materja fejn att legali tal-Unjoni jista' jiġi adottat għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattat; u wkoll
  - b. jekk taqa' taħt il-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni biex tagħmel proposta.
3. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun notifikata lill-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta u għandha tiġi pubblikata.

#### *Artikolu 9*

#### **Dispożizzjonijiet għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-Istati Membri**

1. Wara li jkun ġabar id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji skont l-Artikoli 5 u 7, u sakemm il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li inizjattiva taċ-ċittadini proposta hija ammissibbli skont l-Artikolu 8, l-organizzatur għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, permezz tal-karti jew f'forma elettronika, lill-awtoritajiet

kompetenti relevanti previsti fl-Artikolu 14 għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni. Għal dan il-għan, l-organizzatur għandu juża l-formola stabbilita fl-Anness VI.

L-organizzatur għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-Istat Membru li ħareġ id-dokument tal-identifikazzjoni indikat fihom.

2. F'perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ provduti fuq il-bażi ta' verifiki adatti, u jistgħu jipprovdu lill-organizzatur ċertifikat skont il-mudell stabbilit fl-Anness VII, li jiċċertifika numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi għal dak l-Istat Membru.
3. Iċ-ċertifikazzjonijiet prevista fil-paragrafu 2 għandha ssir bla hłas.

#### *Artikolu 10*

#### **Sottomissjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni**

Wara li jkun kiseb iċ-ċertifikati previsti fl-Artikolu 9(2), u sakemm il-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu ġew rispettati, l-organizzatur jista' jissottometti l-inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.

Għall-fini ta' dan l-artikolu, l-organizzatur għandu jagħmel użu mill-formola stabbilita fl-Anness VIII u għandu jissottometti l-formola mimlija flimkien mal-kopji, f'forma ta' karti jew fil-forma elettronika, taċ-ċertifikati msemmija fl-ewwel paragrafu hawn fuq.

Il-Kummissjoni tista' titlob l-origjinali ta' dawk iċ-ċertifikati.

#### *Artikolu 11*

#### **Proċedura ta' eżaminazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini mill-Kummissjoni**

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi inizjattiva taċ-ċittadini skont l-Artikolu 10 hija għandha:
  - a. tippublika l-inizjattiva taċ-ċittadini mingħajr dewmien fuq il-websajt tagħha;
  - b. teżamina l-inizjattiva taċ-ċittadini u, fi żmien 4 xhur, tistabbilixxi f'komunikazzjoni l-konklużjonijiet tagħha dwar l-inizjattiva, l-azzjoni li bi ħsiebha tiegħu, jekk se tiegħu, u r-raġunijiet għala bi ħsiebha tagħmel dan.
2. Il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b) għandha tiġi notifikata lill-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini kif ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tiġi pubblikata.

#### *Artikolu 12*

#### **Protezzjoni tad-dejta personali**

Fl-ipproċessar tad-dejta personali skont ir-Regolament, l-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru għandhom jirrispettaw id-Direttiva 95/46/KE u d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din.



Għall-finijiet tal-ipproċessar rispettiv minnhom tad-dejta personali, l-organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 14(2) għandhom jitqiesu bħala kontrolluri tad-dejta skont l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 95/46/KE.

L-organizzatur għandu jeqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jirċievi għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari u kull kopja tagħha mhux aktar minn xahar wara li jissottometti dik l-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 jew 18-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta, skont liema taħbat l-ewwel.

L-awtorità kompetenti għandha teqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-kopji tagħhom li tkun irċeviet għall-fini tat-twettiq tal-verifika skont l-Artikolu 9(2), mhux aktar minn xahar wara li tkun ħarġet iċ-ċertifikat imsemmi f'dan il-paragrafu.

L-organizzatur għandu jimplementa miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex iħares id-dejta personali kontra distruzzjoni aċċidentali jew illegali jew telf aċċidentali, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, partikolarment meta l-ipproċessar ikollu x'jaqsam mat-trażmissjoni ta' dejta fuq network, u kontra kull forma oħra illegali ta' pproċessar.

### *Artikolu 13* **Responsabbiltà**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzaturi residenti jew stabbiliti fit-territorju tagħhom għandhom ikunu responsabbli taħt il-liġi ċivili jew kriminali tagħhom għal ksur ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari għal:

- a. dikjarazzjonijiet foloz li jsiru mill-organizzaturi;
- b. nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għas-sistemi ta' ġbir onlajn;
- c. l-użu frodulenti tad-dejta.

### *Artikolu 14* **Awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Istati Membri**

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 6(3), l-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti responsabbli sabiex joħroġu iċ-ċertifikat previst f'dan l-Artikolu.
2. Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 9(2), kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti responsabbli waħda għall-koordinazzjoni tal-proċess ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u għall-ħruġ taċ-ċertifikati previsti f'dan l-Artikolu.
3. Mhux aktar tard minn tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jgħaddu l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti lill-Kummissjoni.
4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 15*  
**Emenda tal-Annessi**

Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 16, 17 u 18, l-emendi tal-Annessi f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 16*  
**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħat għall-adozzjoni ta' atti delegati msemmin jien fl-Artikolu 15 għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.
2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
3. Is-setgħat għall-addozzjoni ta' atti delegati għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 17 u 18.

*Artikolu 17*  
**Revoka tad-delega**

1. Id-delega ta' setgħa msemminja fl-Artikolu 15 tista' tiġi revokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'kwalunkwe ħin.
2. L-istituzzjoni li tibda proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix irrevokata d-delega ta' setgħa għandha tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni, f'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu s-suġġett ta' revoka kif ukoll ir-raġunijiet possibbli għal revoka.
3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega ta' poteri speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data ulterjuri stipulata minnha. Din m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ. Din għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 18*  
**Oġġezzjonijiet għall-atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. B'inizjattiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.
2. Jekk, meta jiskadi dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-atti delegati, dan għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data mniżżla hemmhekk.

L-atti delegati jistgħu jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħlu fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li tesprimi oġġezzjonijiet għall-att delegat għandha tispjega r-raġunijiet għall-oġġezzjoni.

#### *Artikolu 19*

##### **Kumitat**

1. Għall-fini ta l-implementazzjoni tal-Artikolu 6(5), il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn kumitat.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

#### *Artikolu 20*

##### **Notifika tal-miżuri nazzjonali**

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet speċifiċi li jadotta sabiex jimplementa dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tinforma bihom lill-Istati Membri l-oħra.

#### *Artikolu 21*

##### **Klawsola ta' reviżjoni**

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 22*

##### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNEX I

### Numru minimu ta' firmatarji għal kull Stat Membru

L-Awstrija	14250
Il-Belġju	16500
Il-Bulgarija	13500
Ċipru	4500
Ir-Repubblika Ċeka	16500
Id-Danimarka	9750
L-Estonja	4500
Il-Finlandja	9750
Franza	55500
Il-Ġermanja	72000
Il-Greċja	16500
L-Ungerija	16500
L-Irlanda	9000
L-Italja	54750
Il-Latvja	6750
Il-Litwanja	9000
Il-Lussemburgu	4500
Malta	4500
Il-Pajjiżi l-Baxxi	19500
Il-Polonja	38250
Il-Portugall	16500
Ir-Rumanija	24750
Is-Slovakkja	9750
Is-Slovenja	6000
Spanja	40500
L-Isvezja	15000
Ir-Renju Unit	54750

## ANNEX II

### L-informazzjoni meħtieġa għar-reġistrazzjoni ta' inizzjattiva taċ-ċittadini

L-informazzjoni segwenti għandha tkun provduta sabiex tiġi reġistrata inizzjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru tal-Kummissjoni:

1. It-titolu tal-inizzjattiva taċ-ċittadini proposta f'mhux aktar minn 100 karattru;
2. Is-suġġett, f'mhux aktar minn 200 karattru;
3. Deskrizzjoni tal-għanijiet tal-proposta li fuqha l-Kummissjoni hija mistiedna li taġixxi, f'mhux aktar minn 500 karattru;
4. Il-bażi legali tat-Trattati li tippermett lill-Kummissjoni li taġixxi;
5. L-isem, indirizz u e-mail kompluti tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità jew organizzazzjoni legali, tar-rappreżentant legali tagħha;
7. Is-sorsi kollha ta' ffinanzjar u appoġġ għall-inizzjattiva proposta fil-ħin tar-reġistrazzjoni.

*L-organizzaturi jistgħu jipprovdu aktar informazzjoni dettaljata dwar is-suġġett, l-għanijiet u l-isfond tal-inizzjattiva taċ-ċittadini proposta f'anness. Jekk jixtiequ, jistgħu wkoll jissottomettu test leġiżlattiv abbozz.*

## ANNEX III

### Formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ

Kaxxa 1: *(trid timtela qabel mill-organizzatur)*

1. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
2. Data tar-reġistrazzjoni\*:
3. Indirizz tal-websajt tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fuq ir-reġistru tal-Kummissjoni\*:

Kaxxa 2: *(trid timtela qabel mill-organizzatur)*

1. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta\*: *(massimu ta' 100 karattru)*
2. Is-sugġett\*: *(is-sugġett għandhu jkun ċar kemm jista' jkun) (massimu ta' 200 karattru)*
3. Deskrizzjoni tal-għanijiet ewlenin tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta\*: *(massimu ta' 500 karattru)*
4. L-isem u l-indirizz tal-organizzatur\*:
5. Websajt tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta:

Kaxxa 3: *(timtela mill-firmatarju)*

1. Isem il-firmatarju:  
Isem\*.....Kunjom\*:
2. Indirizz:  
  
Trijq:  
Kodiċi postali: Belt\*:  
Il-pajjiż":
3. Indirizz elettroniku:
4. Data u post tat-twelid\*:  
Data tat-twelid: Lokalità u pajjiż:
5. Ċittadinanza\*:
6. Numru personali ta' identifikazzjoni\*:  
Tip ta' numru ta' identifikazzjoni/dokument tal-identità\*:  
Karta tal-identità nazzjonali:  Passaport:  Sigurtà Soċjali:   
Stat Membri, fejn inħareġ in-numru ta' identifikazzjoni/identità tad-dokument\*:
7. Jien hawnhekk niċċertifika li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta u li jien appoġġajt din l-inizjattiva taċ-ċittadini darba biss\*.  
Data u firma tal-firmatarju\*♦: .....

\*: *obbligatorji*

♦: *il-firma mhix meħtieġa meta l-formola tiġi sottomessa elettronikament*

## ANNEX IV

### Ċertifikat li jikkonferma l-konformità ta' sistema ta' ġbir onlajn mar-Regolament XXXX/XXXX

[...] (isem tal-awtorità kompetenti) ta' [...] (isem l-Istat Membru), hawnhekk tiċċertifika li s-sistema ta' ġbir onlajn [...] (indirizz tal-websajt) użata għall-ġbir elettroniku tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni [...] tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament xxxx/xxxx.

Data, firma u timbru uffiċjali tal-awtorità kompetenti:

## ANNEX V

### Formola ta' talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta

1. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini\*:
2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
3. Data tar-reġistrazzjoni\*:
4. Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura\*:
5. Numru ta' firmatarji għal kull Stat Membru\*:

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	IT	CY	LV	LT	LU
Numru ta' firmatarji															
	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	TOTAL		
Numru ta' firmatarji															

6. Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta.

Data u firma tal-organizzatur\*:

\*: obbligatorji



## ANNEX VI

### Formola għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri

1. L-isem, indirizz u e-mail kompluti tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità jew organizzazzjoni legali, tar-rappreżentant legali tagħha\*:
2. Titolu tal-inizjattiva taç-çittadini\*:
3. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
4. Data tar-reġistrazzjoni\*:
5. Data tat-talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà\*:
6. Numru ta' firmatarji ġejjin minn [isem tal-Istat Membru]\*:
7. Annessi\*:  
(Inkludi d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha mill-firmatarji li jkunu speċifikaw numru ta' identifikazzjoni personali maħruġ mill-istess Stat Membru.  
Jekk applikabbli, inkludi ç-çertifikat(i) relevanti li jiçcertifika(w) li l-konformità tas-sistema ta' ġbir onlajn mar-Regolament xxxx/xxxx)
8. Data u firma tal-organizzatur\*:

\*: obbligatorji

## ANNEX VII

### Ċertifikat li jikkonferma n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi miġbura minn [....] (isem l-Istat Membru)

[....] (isem tal-awtorità kompetenti) ta' [....](isem l-Istat Membru), wara li għamlet il-verifika meħtieġa permezz tal-Artikolu 8 tar-Regolament xxx/xxxx, hawnhekk tiċċertifika li [....] dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini bin-numru tar-reġistrazzjoni [....] huma validi skont id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, u li nġabru fi żmien il-perjodu provdut f'dak ir-Regolament.

Data, firma u timbru uffiċjali tal-awtorità kompetenti:

## ANNEX VIII

### Formola għas-sottomissjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni

1. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini\*:
2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
3. Data tar-reġistrazzjoni\*:
4. Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ eliġibbli miġbura\*: (*irid ikun aktar minn miljun*)
5. Numru ta' firmatarji ċertifikati għal kull Stat Membru\*:

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	IT	CY	LV	LT	LU
Numru ta' firmatarji															
	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	TOTAL		
Numru ta' firmatarji															

6. L-isem, indirizz u e-mail kompluti tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità jew organizzazzjoni legali, tar-rappreżentant legali tagħha:
7. Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta.  
  
Data u firma tal-organizzatur\*:
8. Annessi\*:  
Inkludi ċ-ċertifikati kollha

\*: obbligatorji

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **1. ISEM TAL-PROPOSTA**

Proposta għal Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizzjattiva taċ-ċittadini

### **2. QAFAS ABM / ABB**

Il-Qasam/L-Oqsma tal-Politika konċernat/i u l-Attività/Attivitajiet assoċjati:

- Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u pariri legali
- Relazzjonijiet mas-soċjetà ċivili, trasparenza u informazzjoni

### **3. LINJI BAĠITARJI**

#### **3.1. Il-linji tal-baġit (linji tal-operat u linji relatati tekniċi u ta' assistenza amministrattiva (linji ex- B.A)) inklużi l-intestaturi:**

- 25.01.02.11.03: Laqgħat (kumitat)
- 25.01.02.11.05: Sistemi ta' informazzjoni

#### **3.2. It-tul ta' żmien tal-ħidma u tal-impatt finanzjarju:**

Mill-2010 'il quddiem. Bla limiti

#### **3.3. Karatteristiċi tal-baġit: *Mhux applikabbli***

#### 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

##### 4.1. Riżorsi Finanzjarji

##### 4.1.1 Sommarju tal-appropriazzjonijiet għall-impenji (AI) u tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (AH)

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

It-tip ta' nfiq	In-nru tat-Taqsima	Is-Sena 2010	2011	2012	2013	2014 u wara
-----------------	--------------------	--------------	------	------	------	-------------

##### In-nefqa amministrattiva li mhix inklużi fl-ammont ta' referenza<sup>12</sup>

Ir-riżorsi umani u n-nefqa assoċjata (AMD)	8.2.5	a	0.244	0.244	0.244	0.244	0.244
L-ispejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6	b	0.540	0.150	0.110	0.110	0.110

##### It-total indikattiv tal-ispejjeż finanzjarji għall-intervent

It-TOTAL tal-AI, inklużi l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+b	0.784	0.394	0.354	0.354	0.354
It-TOTAL tal-AH inklużi l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+b	0.784	0.394	0.354	0.354	0.354

##### 4.1.2. Kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju

Mhux applikabbli

##### 4.1.3. L-Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

Mhux applikabbli

##### 4.2. Riżorsi Umani FTE

Mhux applikabbli

#### 5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

##### 5.1. Ħtieġa li trid tiġi ssodisfata fuq perjodu ta' żmien qasir jew fit-tul

Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini.

<sup>12</sup> In-nefqa fi ħdan il-Kapitolu xx 01 għajr għall-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Matul l-ewwel sena, se tinfetaħ websajt li tinkludi reġistru sabiex jiġi implimentat l-Artikolu 4 dwar ir-reġistrazzjoni tal-inizjattivi taċ-ċittadini proposti. Din il-websajt trid imbagħad tinżamm aġġornata.

Matul l-ewwel sentejn, kumitat magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha jiltaqa' erba' darbiet sabiex jgħin lill-Kummissjoni fl-addozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 6(4) dwar is-sistemi ta' ġbir onlajn.

## **5.2 Valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni Ewropea u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli**

Mhux applikabbli

## **5.3 L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati mal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM**

Mhux applikabbli

## **5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)**

Ġestjoni ċentralizzata direttament mill-Kummissjoni

## **6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI**

### **6.1. Sistema ta' monitoraġġ**

L-immaniġġjar kwotidjan tar-reġistru jkun jeħtieġ monitoraġġ permanenti mill-persunal tal-Kummissjoni. In-numru ta' talbiet għar-reġistrazzjoni tal-inizjattivi proposti x'aktarx li jkun għoli. Il-persunal tal-Kummissjoni jkollu jagħżel u jneħħi dawk l-inizjattivi li b'mod ċar jitqiesu bħala inadatti.

### **6.2. Valutazzjoni**

Saret konsultazzjoni pubblika fil-forma ta' Green Paper. Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

## **7. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

Mhux applikabbli

## **8. DETTALJI TAR-RIŻORSI**

### **8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispejjeż finanzjarji tagħhom**

Mhux applikabbli

## 8.2. Nefqa Amministrattiva

### 8.2.1. In-Numru u t-tip ta' rizzorsi umani

Tipi ta' kariga		Impjegati għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu tar-rizzorsi eżistenti u/jew supplimentari ( <b>għadd ta' karigi/UTBs</b> )					
		Is-Sena 2010	Is-Sena 2011	Is-Sena 2012	Is-Sena 2013	Is-Sena 2014	Sena 2015 u wara
Uffiċjali jew persunal temporanji <sup>13</sup> (XX 01 01)	AD	1	1	1	1	1	1
	AST	1	1	1	1	1	1
<b>TOTAL</b>		2	2	2	2	2	2

### 8.2.2. Deskrizzjoni tal-ħidmiet li ġejjin mill-azzjoni

1 AD: inkarigat/a mill-koordinament tal-attivitajiet relatati mal-inizjattivi taċ-ċittadini, monitoraġġ tar-reġistru, trattament tal-mistoqsijiet rilevanti mis-servizzi u ċ-ċittadini u insewiment u monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament.

1 AST: Immaniġġjar tar-reġistru - Helpdesk

### 8.2.3. Sorsi ta' rizzorsi umani (statutorji)

(Postijiet li jridu jergħu jiġu assenjati bl-użu tar-rizzorsi eżistenti fl-ambitu tas-servizz ta' ġestjoni (**riallokazzjoni interna**))

### 8.2.4. Infiq Amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza

Mhux applikabbli

### 8.2.5. L-ispejjeż finanzjarji tar-rizzorsi umani u l-ispejjeż assoċjati mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza

*miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)*

Tip ta' rizzorsi umani	2010	2011	2012	Is-Sena 2013	Is-Sena 2014	Is-Sena 2015 u wara
Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01)	0.244	0.244	0.244	0.244	0.244	0.244
Il-persunal iffinanzjat skont l-Artikolu XX 01 02 (awżiljarju, END, staff b'kuntratt, eċċ.)  (speċifika l-linja ta' baġit)						

<sup>13</sup> L-ispejjeż taġġhom MHUMIEX koperti bl-ammont ta' referenza.

Spiża totali tar-Riżorsi Umani u l-ispejjeż relatati (MHUX fl-ammont ta' referenza)	0.244	0.244	0.244	0.244	0.244	0.244
---	-------	-------	-------	-------	-------	-------

Kalkolu– *Uffiċjali u Aġenti temporanji*

2 persunal bi spiża ta' 122.000€ kull wieħed fis-sena

Kalkolu – *Persunal iffinanzjat taħt l-art. XX 01 02*

*Mhux applikabbli*

8.2.6 Nefqa oħra amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt decimale)

	2010	2011	2012	2013	2014	2015 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet							
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati	0.040	0.040					0.080
XX 01 02 11 04 – Studji u Konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' Tagħrif	0.500	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	1.050
<b>2. Total ta' Infiq Ieħor ta' Ġestjoni (XX 01 02 11)</b>							
<b>Nefqa amministrattiva totali, għajr ir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inkluża fl-ammont ta' referenza)</b>	0.540	0.150	0.110	0.110	0.110	0.110	1.130

Kalkolu - *Spejjeż amministrattivi oħra mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

Żewġ laqgħat fis-sena b'27 parteċipant u spiża medja ta' €740 għal kull parteċipant u għal kull laqgħa

Żvilupp tas-sistema ta' informazzjoni: fl-2010: 500.000€ meħtieġa biex tiġi żviluppata u stabbilita s-sistema, fl-2011 u s-snin ta' wara: il-ħtieġa li tinżamm taħdem is-sistema u li jsiru l-adattamenti meħtieġa.

Il-ħtiġijiet għar-riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fi ħdan l-allokazzjoni diġà mogħtija biex tiġi ġestita din l-azzjoni u/jew riallokata fid-DĠ, ikkomplementati, jekk ikun il-każ, b'allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni fil-qafas tal-proċedura ta' allokazzjoni annwali fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.